MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 421/2004

Kawza fil-lista: 48

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi fid-9 ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed 09/09/2001 (recte: 09/08/2001) il-partijiet isseparaw permezz tal-Kuntratt tas-Separazzjoni redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, hawn esibit u mmarkat bhala Dok AA1;

Premess illi l-kundizzjoni mentali ta’ l-attrici fiz-zmien tal-kuntratt iprekluditha li taghti kunsens validu;

Premess illi ghalhekk l-attrici ma setghatx tikkumprendi l-importanza u l-kontenut ta’ l-att minnha iffirmat filwaqt li l-konvenut kien konxju tal-problemi mentali ta’ martu izda ghazel li jqarraq biha u japprofitta ruhu minnha;

Premess illi ghalhekk wiehed mir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa hu nieqes u dan ai termini ta’ l-artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi ghal din ir-raguni l-kuntratt tas-separazzjoni tal-konjugi B huwa null u dan ai termini ta’ l-artikoli 967, 968 u 974 tal-Kap 16.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-kundizzjoni mentali ta’ l-attrici fiz-zmien tal-kuntratt rendietha inkapaci li tkun parti f’ tali kuntratt.

2. Tiddikjara illi l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet datat 9 ta’ Settembru 2001 redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri null.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut prezentata fit-28 ta’ Settembru 2006 li biha eccepixxa l-inkompetenza ta’ din il-Qorti li tisma l-kawza odjerna, ‘stante li l-kawza titratta dwar xoljiment ta’ kuntratt liema kuntratt jista’ jigi xjolt biss mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.’ [fol.46];

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici relattiva ghal din l-eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi l-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u bejn zewgha l-konvenut, u dan in bazi ghall-inkapacita' mentali da parti ta' l-attrici fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt, u senjatament l-artikoli 966 [a] u 968 tal-Kap.16; u ukolli talli l-konvenut kien konxju ta' dan l-istat mentali ta' l-attrici u ghazel li 'jqarraq biha u japprofitta ruhhu minnha.'[1]

In tema legali jigi osservat li bhala regola, "il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" *[App.C. Frankie Refalo vs Jason Azzopardi – 7.10.1997].*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta car li <u>l-meritu principali</u> tal-kawza odjerna mhijiex il-kwistjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet u l-effetti konsegwenzjali ta' din is-separazzjoni kif mifthema fil-kuntratt;  izda hija l-validita' o meno ta' l-istess kuntratt u cioe' jekk gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti ad validitatem mill-ligi sabiex parti legalment tkun tista' tidhol f' kuntratt, u izjed specifikatament, il-kapacita' mentali o meno ta' l-attrici meta dina ffirmat il-kuntratt li rabat iz-zewg partijiet.

Dan johrog car mill-artikoli tal-ligi citati mill-attrici bhala l-bazi ta' l-azzjoni taghha u li jifformaw il-kawzali tat-talbiet taghha li huma [1] dikjarazzjoni ta' inkapacita' mentali ta' l-attrici li tidhol f' kuntratt; u [2] ir-rexissjoni ta' l-istess kuntratt. Il-fattur tas-separazzjoni, li huwa s-suggett tal-kuntratt, huwa incidentali ghal meritu tal-kawza.

Ghalhekk il-vertenza meritu tal-kawza odjerna ma tidholx fil-parametri tar-regolament 4[a] sa [e] ta' l-Iskeda ta' l-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li jiddelinea l-gurisdizzjoni limitata ta' din il-Qorti; imma timpernja fuq l-artikoli 966,

[1] Att tac-citazzjoni

967, 968 u 974 tal-Kap.16, u ghalhekk hija ta’ kompetenza tal-Prim Awla Civili fit-termini tar-regolament 6 ta’ l-Iskeda tal-Avviz Legali 9/2004.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni fuq indikata hija legalment sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tilqa’ l-imsemmija eccezzjoni, u tiddikjara li hija nkompetenti rationae materiae li tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna, tordna li l-istess kawza titnehha minn fuq il-lista ta’ din il-Qorti, tiddiferixxi l-kawza sine die, u tordna li l-inkartament odjern jintbaghat lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex tigi assenjata lil Prim Awla tal-Qorti Civili.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkunu a kariku ta’ l-attrici.

Tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------